ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**Minuti tad-19-il laqgħa tal-Kumitat Amministrativ St Peter's**

Id-dsatax-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tlieta, 25 ta' Ottubru, 2011. Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta'filgħaxija b'talba. Iċ-*Chairperson*, is-Sinjura Maria Elena Debattista, ippresediet il-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Elena Debattista, is-Sur Mario Bartolo, is-Sur Luciano Farrugia, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Norman Clews.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tat-18-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Debattista.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Farrugia rrefera għall-ilment dwar is-siġra tat-tin li hemm fl-entratura ta' Triq l-Għakrux u qal li din is-siġra kienet inżabret.

Is-Sur Bartolo semma l-problema ta' skart li hemm f'art mitluqa fi Triq Dun Salv Sciberras u qal li kienet ser tittieħed azzjoni biex jitneħħew annimali mejta u skart ieħor li ntefa' f'dan il-post b'detriment għal saħħet ir-residenti.

Item 4 – Korrispondenza

Ma kienx hemm korrispondenza.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat Amministrattiv illi kienet ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-għajnuna finanzjarja biex isir xogħol ta' titjib fil-*playing field*.

Is-Sur Farrugia staqsa jekk kienetx ingħatat risposta dwar jekk hux ser jingħataw fondi lill-Kumitat Amministrattiv biex tiġi rranġata Triq il-Marżepp peress illi din it-triq m'hijiex f'kundizzjoni tajba.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li sa issa kienet għada ma ngħatatx risposta iżda mhux ser jgħaddi ħafna żmien biex il-Kumitat ikun jaf jekk hux ser jibbenefika mill-iskema ta' għajnuna finanzjarja biex tiġi rranġata din it-triq.

Is-Sur Clews staqsa jekk id-Dipartiment għall-Gvern Lokali approvax l-emblema għall-Kumitat Amministrattiv St Peter's. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kienet għada ma ngħatatx risposta mid-Dipartiment.

Is-Sur Bartolo semma l-possibilità li ssir road hump fil-junction ta' Triq l-Għakrux ma' Triq il-Farfett tal-Fejġel minħabba sewqan eċċessiv li ġieli jsir. Is-Sur Farrugia ssuġġerixxa li ssir *stop sign* f'din il-parti tat-triq u dan peress illi mhux permessibbli li jsiru *road humps* fil-kantuniera jew quddiem garaxxijiet.

Is-Sur Agius semma l-bżonn li jinżebgħu mill-ġdid il-*parking bays* fi Triq iż-Żagħrun kif ukoll li titwaħħal l-bozza li kellha ssir fi Triq il-Werżieq.

Is-Sur Agius semma wkoll l-arblu li hemm taħt il-bankina fil-kantuniera ta' Triq in-Naħla wara l-pitch tal-boċċi u qal li ser ikompli jagħmel pressjoni biex jitneħħa l-arblu li hemm fit-triq peress illi dan qiegħed ta' periklu.

Is-Sur Farrugia semma l-ħtieġa li jitnaddaf plastik u materjal ieħor li ntefa' f'għalqa fi Triq is-Sebellika kif ukoll li jitneħħa vann mitluq li hemm fi Triq l-Għakrux.

Is-Sur Agius semma l-ħtieġa li tiġi rranġata bozza maqtugħa li hemm maż-*zebra crossing* fi Triq San Leonardu.

Is-Sur Bartolo lmenta dwar skip li hemm fil-kantuniera ta' Triq l-Għakrux ma' Triq il-Berebies.

Is-Sinjura Debattista tkellmet dwar il-ħtieġa li titneħħa dgħajsa minn Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Is-Sur Bartolo qal li hemm trakk li tħalla mitluq fi Triq iż-Żabrella u li qiegħed ta' periklu għas-sigurta tar-residenti.

Is-Sur Farrugia reġa' saħaq dwar il-ħtieġa li jsir infurzar biex ma jibqax ikun hemm kontravenzjonijiet tat-traffiku fil-viċinanzi ta' Triq Alessio Erardi li minnha jgħaddu wkoll ħafna mir-residenti ta' St Peter's.

Is-Sur Farrugia tkellem dwar il-ħtieġa li titwitta t-triq fl-entratura ta' Triq l-Għakrux peress illi din qegħda ta' periklu.

Is-Sinjura Debattista semmiet il-bżonn li ssir aktar sorveljanza mill-gwardjani lokali biex ma jibqgħux isiru kontravenzjonijiet minn individwi li qed jidħlu *one way* f'toroq bħal Triq iż-Żarżarell. Is-Sur Farrugia qal li l-istess kontravenzjoni qed issir minn sewwieq ta' *scammel* fi Triq il-Berebies. Is-Sur Farrugia semma wkoll il-ħtieġa li jsir *stop sign* f'din it-triq.

Is-Sinjura Debattista qalet li jeħtieġ ukoll li jsir *stop sign* ieħor fi Triq il-Farefett tal-Fejġel.

Is-Sur Agius talab li jinżebgħu mill-ġdid il-*parking bays* ta' Triq iż-Żagħrun.

Is-Sinjura Debattista semmiet il-ħtieġa li titnaddaf it-trejqa ta' bejn Triq iż-Żarżarell u Triq il-Farfett tal-Fejġel kif ukoll li jsir *patching* f'din it-trejqa.

Is-Sinjura Debattista semmiet il-ħtieġa li ssir pressjoni mal-awtoritajiet tas-saħħa biex titnaddaf l-art mitluqa li hemm fi Triq Patri Feliċjan Grech.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.35 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-għoxrin laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 21 ta' Novembru, 2011.

Maria Elena Debattista
Chairperson